MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 31

27 ta' Settembru 2021

Minuti tas-seduta Nru. 31 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tal-Ewwel u t-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 30, li saru fis-17 ta' Awwissu u s-16 ta' Settembru 2021 rispettivament, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni ta' faċilitajiet ta' ħatt/tagħbija fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XVI)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.8.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti. Dakinhar kien ġie deċiż li għandha ssir kaxxa safra quddiem il-maħżen tal-applikant. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikant iċċara verbalment it-talba tiegħu, billi l-intenzjoni tiegħu kienet li l-faċilitajiet jiġu estiżi għan-naħa li tiġi faċċata tal-maħżen, għaliex jekk dawn isiru man-naħa tagħhom ikunu iktar ta' xkiel, milli ta' għajnuna fl-immaniġġjar ta' merkanzija. L-applikant qal ukoll li normalment il-merkanzija tinġieb permezz ta' *container* fuq *trailer* u sussegwentent tittieħed mill-maħżen permezz ta'vetturi iżgħar.

2.1.3. Billi l-blokka konfinanti minn Triq l-Etna, Taraġ il-Baqquniera, u Triq l-Għoljiet, hija żona industrijali, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġu allokati l-faċilitajiet mitluba skont id-daqs normali u ristretta bil-ħinijiet. Ittieħed in konsiderazzjoni li faċċata mhemmx bini livell tat-triq.

**2.2.1. Aċċess għal parti ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa / il-Barkazza (T/4/7/Vol III)**

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 8.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u inqara imejl datat 27 ta' Settembru 2021, mibgħuta minn sidien ta' binja bl-isem "Island View" li telgħet tliet snin ilu, skont il-permess PA 1016/17. Intqal ukoll li l-permess jistipula li *"Where an officially schemed street, within the development zone, bordering the site is unopened or unformed, it shall be opened up and brought up to its proper, approved and official formation levels prior to the commencement of any development hereby being permitted."*

2.2.3. L-imejl tkompli tgħid li dan huma ma setgħux jaghmluħ għar-raguni illi jekk l-imsemmija kundizzjoni tiġi osservata, jitneħħa l-aċċess għal kumplament tar-residenti l-oħra f'din it-triq għaliex il-livelli li ngħataw jitolbu li t-triq titbaxxa bejn wieħed u ieħor 1.2 metri. Dan kien se joħloq inkonvenjent kbir u problemi għall-awtoritajiet, għaliex jingħalaq l-aċċess għal kumplament tat-triq.

2.2.4. L-istess sidien qalu wkoll li l-garaxxijiet taħt il-binja "Islands View" attwalment mhumiex aċċessibbli u għalhekk kienu kostretti li jikru garaxxijiet minn binjiet fil-viċin biex jakkomodaw lill-klijenti tagħhom, bi spiża żejda għalihom. Kellhom ukoll jieħdu miżuri biex il garaxx tagħhom ma jegħriqx bl-ilma tat-triq, peress li t-triq ghadha fl-livell għoli li mhux korrett f'relazzjoni mal- binja tagħhom.

2.2.5. Is-Sidien tal-binja wissew li ser jżommu responsabbli lill-awtoritajiet konċernati għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġri fil-*basement* taghhom, kif ukoll illi il-proposta li qed jiddiskuti l-Kunsill, li jingħata konkos fuq il-livell preżenti, m'hijiex aċċettabbli u ser tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni fil-konfront tagħhom.

2.2.6. Il-Kunsillier I. Castillo reġa' intervjena billi talab li l-fatturi msemmija għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-perit inkarigat u diskussi direttament waqt laqgħa miegħu għaliex huwa dover tal-Kunsill li jintervjeni sabiex tinstab soluzzjoni li tkun aċċettabbli għall-partijiet kollha.

2.2.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li f'mostoqsija parlamentari PQ 17215 mogħtija fis-16 ta' Novembru 2020 mill-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Proġetti Kapitali, intqal li t-toroq għadhom ġodda b'għadd ta' bini li għadu qed jiġi żviluppat. Intqal ukoll li l-iżviluppaturi ta' dan il-bini għadhom ma ffurmawx it-triq hekk kif stabbilit mill-liġi, filwaqt li Infrastructure Malta tkun tista' tlesti l-wiċċ ta' din it-triq bl-asfalt hekk kif l-iżviluppaturi konċernati jkun ffurmawha b'mod sħiħ, bħal ma jiġri f'kull triq ġdida oħra. Din il-pożizzjoni ġiet imtennija permezz ta' tweġiba għall-PQ 21020 fis-17 ta' Mejju 2021. Fid-dawl ta' dan huwa jħoss li l-Kunsill m'għandux jintervjeni.

2.2.8. Is-Sindku D. Vella qal li fiċ-ċirkostanzi forsi jkun jagħmel sens li r-residenti jiktbu direttament lill-Ministeru u jekk ikun hemm il-ħtieġa jintervjeni l-Kunsill sabiex jispjega s-sitwazzjoni u possibilment isir xi ħaġa simili għal dak li sar fi Triq id-Denċi, li hija parallela magħha. Huwa qal li importanti li r-residenti jkunu jafu x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill.

**2.3.1. *Sub-Station* tal-Enemalta fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna (E/1/Vol III)**

2.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 3.5.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qal li bħala mpjegat tal-Enemalta plc, huwa għadda t-tiswijiet li jeħtieġ isiru lis-sezzjoni konċernata.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif moghti.

**2.4.1. Caqlieq ta' *bus stop* 'Pitirross' fi Triq il-Kbira (B/6/Vol II)**

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 5.15.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u qal li l-*bus stop* fil-fatt ġie mċaqqlaq, iżda ma reġax sar fejn kien qabel.

2.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li Transport Malta taw struzzjonijiet lill-Kuntrattur tagħhom biex jikkuntattja lilu, ħalli jindikalu s-sit oriġinali. Huwa qal li l-post oriġinali ġie mmarkat fil-preżenza tiegħu, u għaldaqstant ser imur fejn kien oriġinarjament, wara li titlesta l-bażi fejn ser jitwaħħal mal-art.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Proġett tal-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

2.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għax-xogħlijiet li bdew fuq is-sit fejn ser issir l-estensjoni tal-iskola. Huwa staqsa dwar jekk il-Kunsill huwiex infurmat dwarhom.

2.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li ma kienx hemm kuntatt mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, iżda huwa magħruf li tneħħiet il-ħamrija sakemm is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tispezzjona l-wiċċ tal-blat.

### 2.6.1. PA 6129/17 – Bini ta' *bungalows* fil-Wied ta' Għajn Żejtuna (P/5/8/G)

2.6.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-applikazzjoni msemmija, li tinvolvi l-parti tal-wied li tiġi biswit Triq iż-Żebbuġ. Huwa staqsa dwar jekk kienitx saret xi rappreżentazzjoni dwarha minn naħa tal-Kunsill.

2.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb fin-negattiv, kif ukoll li l-applikazzjoni kienet ġiet irtirata mill-applikant. Kompla jgħid li l-Kunsill kien għamel rappreżentazzjoni dwar PC 0070/17, li kienet tinvolvi l-introduzzjoni ta' sqaq minn Triq Għajn Żejtuna sabiex jingħata aċċess għall-*bungalows* in proposti. Il-Kunsill ma kienx oġġezzjoni għall-isqaq *per se'*, iżda talab li s-servizzi kollha jgħaddu minn taħtu, inkluż id-drenaġġ u l-ilma tax-xita.

### 2.7.1. Proġett WIFI4EU (I/1/3/Vol V)

2.7.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar liema postijiet intgħażlu sabiex isiru *wi-fi access points* pubbliċi taħt il-proġett imsemmi.

2.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li huwa spezzjonia l-postijiet kollha indikati mill-Kunsill, fil-preżenza tas-Sindku D. Vella, il-Kunsillier I. Castillo, flimkien mal-kuntrattur konċernat u ġie determinat li l-postijiet ikunu s-segwenti:

- Ġnejnet il-Kunsill, Triq Il-Mitħna l-Ġdida
- Ġnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani
- Ġnien il-Kenn Socjali, Triq Napuljun Caruana Dingli
- Ġnien Dun Anton Debono, Triq Ġuże' Flores
- Misraħ tas-Salib, Triq Tas-Salib
- Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, Triq ix-Xehda
- Ġnejnet l-Emigranti Melleħin, Triq il-Kbira
- Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Il-Marfa
- Ġnien iż-Żerniq, Triq il-Mellieħa**,** Manikata

2.7.4. Is-Sur C. Debono spjega li fl-għażla tal-postijiet ittieħdu in konsiderazzjoni fatturi tekniċi u l-preżenza tal-pubbliku fihom. Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa tħalla barra mil-lista minħabba numru ta' stabbiliment li joffru dan is-servizz.

2.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tabelli bl-ismijiet tat-toroq (T/4/1/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsillier M. Abela staqsa dwar jekk teżistix xi proċedura sabiex jiġu mibdula t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq, peress illi innota li jeżistu ħafna minnhom li ċċaraw bix-xemx, jew mhumiex kollha uniformi.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li bdil ta' tabelli li jiċċaraw isir regolari skont l-osservazzjonijiet li jsiru u mill-membri tal-Kunsill kif ukoll talbiet li jsiru mill-pubbliku. Huwa talab lis-Sur Abela jkun speċifiku sabiex tittieħed azzjoni.

### 3.2.1. Tagħrif dwar faċilitajiet ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità (P/8/2/Vol IV)

3.2.2. Il-Kunsillier M. Abela staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jkun hemm lista' ta' postijiet fejn jistgħu jipparkjaw il-persuni b'diżabilità in ġenerali.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għandu *database* tal-postijiet kollha li huma riżervati għall-persuni b'diżabilità f'parkeġġi pubbliċi, u għalhekk mhemmx problema sabiex dan it-tagħrif jittellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 24/09/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/08/21 – 13/08/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 23/07/21 – 24/09/21;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Ġunju 2021;
- Rapport Annwali Amministrattiv – 2020;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 5842/21 – Tqegħid ta' *decking* għall-imwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau (T/4/10/Vol III)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-okkupazzjoni fuq bażi permanenti ta' erba' postijiet għall-ipparkjar fi Triq Adenau qrib il-kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier, biswit il-Maritim Hotel Antonin & Spa, bil-għan li jitpoġġew disa' mwejjed b'erba' siġġijiet 'il waħda.

5.1.3. Il-Kunsill oġġezzjoni għat-talba minħabba li jonqos l-ispazju għall-ipparkjar, kif ukoll minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurtà.

### 5.2.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq tas-Salib (T/4/10/Vol III)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Settembru 2021 fejn l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għarrfet li l-operatur ta' Reflections Sports Pub and Grill talab sabiex ipoġġi b'mod temporanju tliet imwejjed b'erba' siġġijiet 'il waħda man-naħa tal-istess stabbiliment.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-imwejjed u siġġijiet fil-post indikat ikunu ta' periklu mil-lat ta' saħħa u siġurtà, meta jitqies traffiku li jkun ġej mill-parti t'isfel ta' Triq Tas-Salib u mid-direzzjoni ta' Triq il-Kbira. Ittieħed in konsiderazzjoni wkoll li t-triq tidjieq preċiżament quddiem il-istabbilment in kwistjoni.

### 5.3.1. Wirjiet tal-arti mtellgħa mill-Art Club 2000 (S/6/Vol IV)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Settembru 2021 fejn l-Art Club 2000 għarrfu li għaxar artisti Maltin, flimkien ma 'żewġ membri tal-kumitat mill-klabb, ser jesibixxu għoxrin pittura flimkien ma' għaxar artisti oħra Taljani mill-klabb Delta, mill-5 sal-20 ta 'Novembru 2021, fi Piazza Repubblica, Porto Viro (Veneto) fl-Italja. L-għan ta' din il-parteċipazzjoni huwa li l-artisti jkollhom l-opportunità li jesibixxu ma' oħrajn minn pajjiż differenti, li jitgħallmu minn xulxin, jiżviluppaw kuntatti ġodda u jgħollu l-livell tax-xogħlijiet tagħhom. Huwa maħsub li wara din l-inizjattiva, fl-2022 artisti Taljani jiġi Malta biex jesebixxi mal-Art Club 2000 f'wirja kollettiva li tkun miftuħa għall-pubbliku. Il-kumitat qed jappella sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni nvoluta. Żewġ membri tal-klabb ser ikunu qed jesibixxu għoxrin biċċa xogħol tal-art f'Porto Viro.

5.3.3. Il-Kunsill laqa' l-appell u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.4.1. Użu tas-sala tal-Kunsill għal sessjonijiet ta' drama (E/3/1/9/Vol IV)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Settembru 2021, mibgħut mill-International Helen O'Grady Academy sabiex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill kull nhar ta' Ħamis bejn it-3.15pm u is-6.30pm. Qabel il-pandemija kienu jagħmlu użu mis-sala tal-Iskola Primarja.

5.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba ma tistax tiġi milqugha minħabba attivitajiet oħra skedati, inkluż is-seduti.

### 5.5.1. Operat tal-Mellieħa Scout Group (S/6/Vol IV)(G/1)

5.5.2. Saret referenza għal ittra datata 20 ta' Settembru 2021, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-finanzi tal-Mellieħa Scout Group jinsabu fi stat prekarju b'riżultat tan-nuqqas ta' introjtu kkawżat mill-pandemija. Is-sitwazzjoni hija tant ħażina li għandhom sentejn kera tal-kwartieri tagħhom li għadhom mhux imħallsa lil SportMalta.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li forsi jistgħa jintervjeni mal-awtoritajiet konċernati, u/jew jiġu mistħarrġa għajnuniet li ngħataw mill-Gvern Ċentrali lill-għaqdiet mhux governattivi b'rabta mal-pandemija Covid-19.

### 5.6.1. Kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku (K/6/2/Vol V)

5.6.2. Saret referenza għal-laqgħa li saret fl-23 ta' ta' Settembru 2021, mal-kuntrattur responsabbli mis-servizz imsemmi, fejn għarraf li minħabba raġunijiet personali m'huwiex f'pożizzjoni li jkompli jirrendi dan is-servizz. Billi dan jiskadi f'Mejju 2022 huwa sab kuntrattur ieħor li lest jagħti s-servizz minfloku bl-istess kundizzjonijiet. Dan kien ikkonfermat permezz ta' imejl datata 24 ta' Settembru 2021, is-Sur Salvu Mifsud iddikjara li lest jassenja l-kuntratt lis-Sur Antoine Fenech ID:287969(M) u VAT:1209 7911.

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-Artiklu 3 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-kuntratt jippermetti li kuntrattur jittrasferixxi l-kuntratt tiegħu, jew parti minnu lil parti terzi. L-istess artiklu jipprovdi li b'tali arranġament il-kuntrattur uxxenti m'għandux jinħeles mill-obbligi tiegħu għall-parti tal-kuntratt diġà mwettqa. Il-kuntrattur il-ġdid għandu jissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità applikabbli għall-għoti tal-kuntratt.

5.6.4. Il-Kunsill innota li s-Sur A. Fenech attwalment għandu tliet kuntratti oħra mal-Kunsill u allura jissodisfa l-kriterji tal-eliġibiltà. Kien hemm qbil li qabel jiġi assenjat il-kuntratt b'effett mill-1 ta' Ottubru 2021, għandha ssir dikjarazzjoni mis-Sur A. Fenech li huwa qed jaċċetta li jaħdem skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt u jipprovdi garanzija bankarja li tkopri 4% tal-valur tal-kuntratt li trid tiġi ppreżentatata sad-29 ta' Ottubru 2021.

### 5.7.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

5.7.2. Saret referenza għal sejħa mill-Kumitat Olimpiku Malta, datata 24 ta' Settembru 2021, sabiex jitressqu nomini mill-Kunsilli Lokali għas-sehem tagħhom fil-qasam sportiv.

5.7.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li minkejja li ma sarux attivitajiet sportivi minħabba l-pandemija Covid-19, ittieħdu numru ta' inizjattivi li jinvolvu titjib fl-infrastruttura, li jinkludu:

- Ix-xiri ta' tagħmir sabiex jintuża mit-timijiet tal-Baseball u n-Netball permezz ta' fondi Ewropej;
- Bdil tat-tagħmir kollu fl-*outdoor gym* fil-Park tal-Familja;
- Manutenzjoni fuq l-i*skate track*; u
- Għajnuniet oħra lill-għaqdiet sportivi tal-lokalità.

5.7.4. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni.

### 5.8.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 62)

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li permezz ta' imejl datat 24 ta' Settembru 2021, l-Island Car Club wrew l-intenzjoni li jorganizzaw *hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru 2021. Kompla jgħid li wara l-esperjenza ta' edizzjonijiet passati ser issir insistenza fuq il-ħtieġa ta' uffiċjali sabiex jidderrieġu t-traffiku fi Triq is-Santwarju apparti minn dawk li normalment ikun hemm mar-*roundabouts* ta' Selmun u dik ta' Triq il-Marfa/Dawret il-Mellieħa. Il-Pulizija tal-Komunità u Transport Malta għandhom jiġu kkonsultati dwar dan l-avveniment, peress li hemm involuta triq arterjali.

2.5.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa mal-organizzaturi sabiex jiġu diskussi d-dettalji, kif ukoll tiġi sponsorjata trofew għall-istess avveniment.

### 5.9.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq Sant' Elena (T/3/2/Vol XVI)

5.9.2. Saret referenza għall-imejl datat 24 ta' Awwissu 2021 mibgħut minn Scuba Life Malta Dive Centre li talbu l-faċilitajiet imsemmija qrib l-istabbiliment tagħhom f'numru 11.

5.9.3. Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa peress li ma tissodisfax il-kriterji addottati minn Transport Malta, billi fiż-żona mhemmx in-numru ta' stabbilimenti kummerċjali stabbilit fl-istess *policy*.

### 5.10.1. *Speed humps* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XVI)

5.10.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 1 ta' Settembru 2021 iffirmata minn 27 familja residenti fit-triq imsemmija dwar talba sabiex isiru *speed humps*, minn Triq Ta' Masrija 'il ġewwa.

5.10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja l-petizzjoni, għandha ssir ittra lir-residenti kollha fejn jiġu ndikati żewġ postijiet fejn isiru *speed humps*, qabel issir rakkomandazzjoni lil Transport Malta.

### 5.11.1. PA 6403/21 - Żvilupp ta' faċilitajiet għas-salvataġġ fil-Bajja tal-Mellieħa (P/5/8/G)

5.11.2. Saret referenza għal applikazzjoni li mressqa mir-Red Cross sabiex jiżviluppaw ċentru ta' emerġenza qrib moll eżistenti, permezz ta' strutturi modulari armati fuq pjattaforma. L-iskop huwa li tkun tista' issir sorveljanza 24 siegħa kuljum għal dak li jista' jinqala fiż-żona

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sit in kwistjoni huwa 'l barra miż-żona tal-iżvilupp u għalhekk m'għandux jsir xejn fuqu, minkejja li t-talba tinvolvi strutturi modulari.

### 5.12.1. Servizz tal-ilma fit-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)

5.12.2. Saret referenza għal imejl mibgħut mis-soċjetà Din l-Art Ħelwa fejn għarrfu li għaddejjin kuntatti mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bil-għan li jingħata s-servizz tal-ilma. Jidher li l-Korporazzjoni lesta li tagħti s-servizz wara li l-applikant jħaffer it-trinka biex tgħaddi l-pajp meħtieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-Artiklu 12 tal-ftehim li kien sar ma' Din l-Art Ħelwa datat 22 ta' Novembru 2016 li jgħid hekk:

> *"All electricity, water and other charges shall be borne by DLH. DLH shall be registered with the utility providers as the service users. Upon the expiration of the agreed term, or on earlier termination of this agreement, whatever the reason thereof, after all due bills are settled, all electricity, water and other charges shall be transferred by the DLH unto the Authority or Entity as prescribed in writing by the Local Council.".*

5.12.2. Il-Kunsill innota li xi snin qabel issejħet laqgħa maċ-*Chief Officer – Strategic Affairs* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, li għaliha kien preżenti wkoll rappreżentant minn DLĦ, proprju dwar din il-materja. Dakinhar, l-istess uffiċjal kien għamilha ċara li mhux aċċettabli għall-Korporazzjoni li tħalli l-main tal-ilma għaddej fuq ix-xagħra, minħabba raġunijiet ta' siġurtà u saħħa, iżda kienet lesta li tgħaddi wieħed ġdid sakemm issir tinka mill-applikant. Fl-istess okkażjoni ġie offrut li l-Korporazzjoni tkun lesta tnaddaf u tibbattma l-bir li hemm mat-torri sabiex ikun hemm provvista tal-ilma.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma wkoll li m'għandux iġorr l-ispiża nvoluta, skont kif stipulat fl-Artiklu 12 tal-ftehim imsemmi aktar 'il fuq.

### 5.15.1. *Electric Vehicle Changeover Sustainable Mobility* (V/4)

5.15.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn is-Sindki kienu mistiedna jattendu għat-tnedija ta' dokument dwar il-ħsibijiet tagħha fuq dan is-suġġett. Huwa qal li fil-laqgħa li saret fit-13 ta' Settembru 2021, il-Kunsilli ġew imħajra jaddottaw ir-rakkomandazzjoni li saru fl-istess dokument.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Dħul ta' ilma f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (P/2/1)

5.16.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fit-3 ta' Settembru 2012 huwa flimkien mal-perit tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-perit u uffiċjali oħra ta' CareMalta Ltd fi Ġnien il-Qigħan. Ġie spjegat li minkejja nterventi li saru minn CareMalta, xorta waħda baqa' jidħol l-ilma tax-xita fit-*wing* tad-dimensia "Orange Grove". Huwa ssusspettat li dan ġej minn strixxa bil-ħamrija li hemm eżatt fuq din il-parti. L-istess uffiċjali talbu li din titneħħa u x-xogħol isir mill-Kunsill.

5.16.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fl-2007 CareMalta Ltd kienu talbu lill-Kunsill sabiex jippermetti li parti mill-binja tad-dar tal-anzjani ssir taħt il-ġnien, bil-kundizzjoni li dik il-parti tal-ġnien terġa tinbena mill-ġdid biex tibqa' aċċessibbli għall-pubbliku.

5.16.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier E. Bartolo esprimew l-oġġezzjoni tagħhom li dan ix-xogħol isir mill-Kunsill, fid-dawl tal-fatt li bini tad-dar tal-anzjani u l-parti tal-ġnien in kwistjoni kienu saru minn CareMalta.

5.16.5. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jipproċedi skont il-minuta 5.16.4.

### 5.17.1. Trabijiet ikkawżati mill-barriera f'Tat-Tomna (B/8)

5.17.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għal ilmenti li daħlu dwar it-trabiijiet li qed jiġu kkawżati mill-barrieri msemmija, kemm permezz tar-riħ, kif ukoll bil-vetturi li joħorġu minnha għaliex ikollhom ir-roti bit-tajn jew it-tagħbija mikxufa. Huwa qal li tkellem mal-Pulizija tal-Komunità dwar dan dan is-suġġett.

5.17.3. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg ikkonferma dan l-ilment, iżda qal li din il-materja iktar tinvolvi lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, li għandu jiġi verifikat magħha dwar jekk l-operatur huwiex qed jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-permess.

5.17.4. Il-Kunsill qabel mar-rakkomondazzjoni skont il-minuta 5.17.3.

### 5.18.1. Twaqqif ta' mafkar lil Jimmy Muscat (M/9)

5.18.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li l-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li jsir bust ta' Jimmy Muscat, iżda dan xorta waħda ma mmaterjalizzax minkejja li kien ġie nkarigat perit sabiex jissottometti diżinn tiegħu u japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas hu ppropona li jitqabbad perit ieħor biex jieħu dan l-inkarigu.

5.18.3. Il-Kunsillier appprova l-proposta.

### 5.19.1. Tindif volontarju fil-partijiet urbani tal-lokalità (T/4/2/Vol 27)

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.20.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li ser issir laqgħa għall-għaqdiet li jridu jieħdu sehem f'din l-inizjattiva fit-30 ta' Ottubru 2021 u dakinhar jiġu determinati l-postijiet li jkunu ser jitnaddfu.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Tabelli edukattivi fil-postijiet għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax (C/4/Vol VI)

5.20.2. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar għarrfet li l-*Outdoor Recreational and Camping Association* (ORCA) qed titlob l-intervent tal-Kunsill sabiex jitwaħħlu tabelli li jedukaw lill-pubbliku dwar l-użu tal-inħawi.

5.20.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta sakemm il-kontenut tal-istess tabelli jiġi diskuss mal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti.

### 5.21.1. Skemi ta' ipparkjar għar-residenti (T/3/2/Vol XVI)

5.21.2. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li ċerti żoni fil-parti urbana tal-lokalità huma affettwati ħażin minn ipparkjar ta' vetturi minn nies ġejjin minn barra l-lokalità, partikularment fejn ikun hemm konċentrazzjoni ta' negozji. Huwa ppropona li jsir proġett pilota fil-lokalità, li kemm-il darba jirnexxi jiżdiedu skemi oħra.

5.21.3. Is-Sindku D. Vella qal li dawn l-iskemi ma baqgħux jiġu kkunsidrati fuq struzzjonijiet tal-Gvern Ċentrali.

### 5.22.1. Parkeġġ riżervat għall-Pulizija fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XVI)

5.23.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li minkejja illi l-faċilità msemmija ġiet trasferita għan-naħa l-oħra tat-triq, it-tabella li tindika dan xorta għadha mwaħħla fil-post.

5.23.3. Ittieħdet nota biex it-tabella msemmija titneħħa.

### 5.24.1. Spusstjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV)

5.24.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet sabiex tiġi spusstjata il-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, bejn Sqaq Stejfen u Dawret il-Mellieħa. Huwa għarraf li l-kuntrattur fuq id-dwal tat-toroq għadda stima li tammonta €18,652 bil-VAT inkluża.

5.24.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-istima mogħtija hija waħda eżorbitanti u għalhekk kien tal-fehma li għandha tigi riveduta.

**5.24.1. Parteċipazzjoni fil-*Queen's Baton Relay*** **(A/5/3/Vol XV)**

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għal imejl datata 29 ta' April 2021, mibgħut mill-Kumitat Olimpiku Malti, fejn stieden lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fl-attività msemmija, li ser tinvolvi diversi lokalitajiet, fit-12 jew 13 ta' Ottubru 2021. Kompla jgħid li l-intenzjoni hija li din issir fit-13 ta' Ottubru 2021 bejn nofsinhar u s-1.00 pm, u ssir mixja mid-diriġenti tal-għaqdiet sportivi bbażati fil-lokalità.

5.24.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

**5.25.1. *President's Solidarity Fun Run 2021*** **(K/11)**

5.25.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għal imejl mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datat 31 ta' Awwissu 2021, fejn il-Kunsilli ntalbu li jindikaw rotta twila bejn 2-3 kilometri. Huwa ppropona li r-rotta tibda minn Selmun, tkompli fi Triq il-Kbira, Triq in-Nases, Triq tas-Salib, Triq San Ġorġ, Triq Santa Marija, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Sant' Anna, Triq il-Parroċċa, u tintemm f'Misraħ il-Parroċċa. Il-mixja ser issir fl-14 ta' Novembru 2021.

5.25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.26.1. Parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità fi Triq ir-Rattan** **(P/8/2/Vol IV)**

5.26.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa ġie avviċinat minn resident mit-triq imsemmija li quddiem id-dar tiegħu hemm parkeġġ riżervat, li għalkemm huwa wieħed li jista' jużah kull minn għandu *Blue Badge*, fil-fatt kien jużah huwa biss. Kompla jgħid li riċentement marret toqgħod persuna oħra li għandha l-*badge* ukoll.

5.26.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-persuni nvoluti jistgħu japplikaw għal ż-żewġ postijiet separati li jkunu personalizzati, bħal oħrajn li jeżistu fil-lokalità.

**5.27.1. Attivitajiet għall-anzjani** **(A/1/1/Vol II)**

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarrfet li t-taħdita dwar Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija ngħatat mis-Sur Jeffrey Sammut u kien hemm attendenza tajba għaliha.

5.27.3. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li tqassmu *muffins* lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u lill-persuni li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum, fl-okkażjoni ta' Festa tal-Vitorja. Hija ppproponiet li fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani l-Kunsill jagħmel ġest simili billi jingħataw qsari. Dan ser jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Ottubru 2021.

5.27.4. L-istess kunsilliera għarrfet li s-Sur Nazzareno Vassallo f'isem CareMalta stieden rappreżentant tal-Kunsill sabiex iħawwel siġra f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjan.

5.27.5. Sar aċċenna li l-Active Aging Centre ser isejjaħ laqgħa miftuħa għall-pubbliku sabiex jippromwovu s-servizzi mogħtija. Data għal din l-inizjattiva kienet għadha ma ġiet iffissata.

5.27.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. Attivitajiet għall-anzjani** **(A/1/1/Vol II)**

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-20 ta' Settembru 2021, fejn il-Kunsilli ġew mistiedna għat-tnedija ta' taħditiet għar-residenti fuq immaniġjar ta' finanzi fuq bażi personali kif ukoll għajnuna biex wieħed iqassam flusu b' mod aktar responsabbli. Dawn ser isiru flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja Soċjali u s-Solidarjetà, il-Familja u Drittijiet ta' Tfal. Ġie spjegat li fit-30 ta' Settembru 2021 ser isir seminar sabiex jingħata aktar tagħrif qabel dawn it-taħditiet jibdew isiru fil-lokalitajiet.

5.26.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Sejħa għall-Offerti: MLC 3/2021 – Restawr ta' pedestal, niċċa u statwa tal-Madonna fil-Marfa, bħala parti mill- proġett (IACS) No. 239074 (P/10/37)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ra l-unika sottomissjoni li saret illi kienet tinvolvi spiża ta' €34,810 bil-V.A.T. inkluża. Il-Kumitat irrakkomanda li terġa' issir sejħa ġdida peress li l-valur stmat tal-proġett, li fuqu ġiet ibbażata l-għotja, huwa ta' €18,808 inkluża l-V.A.T.

6.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta Evalwazzjoni.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, li tgħid:**

***"Billi saret sejħa għal kwotazzjonijiet MLC 3/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-introduzzjoni ta' skema komunitarja dwar manutenzjoni ta' komputers personali għal persuni li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom fil-lokalità tal-Mellieħa;***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tat-tliet kwotazzjonijiet sottomessi, assistita mill- kjarifiki mitluba mingħand l-offerent Multi-Net Co Ltd, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-25 ta' Awwissu u l-14 ta' Settembru 2021;***

***Billi dan is-servizz ma kienx previst meta ġew approvati l-Estimi 2021;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jinħoloq vot apposta taħt il-kont 3380 dwar is-Servizzi Komunitarji sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati, filwaqt li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent imsemmi bi spiża annwali ta' €4,7120 bil-V.A.T. inkluża.".*** **(K/16)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

**8.1. PA 2943/19 – Studju dwar l-Impatt Ambjentali – Żvilupp mill-ġdid ta' parti mill-lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)**

8.2. Ġie spjegat li l-Istudju tal-Impatt Ambjentali (SIA) sar b'rabta mal-iżvilupp mill-ġdid ta' parti mir-Ramla Bay Resort, fil-Marfa. Din ser tkun it-tieni fażi tal-iżvilupp mill-ġdid tal-kumpless kollu kemm hu; bl-ewwel fażi li kienet saret fl-2016/2017. It-tieni fażi tinvolvi l-iżvilupp mill-ġdid tal-parti li fadal, u ser jinżammu fil-konfini eżistenti tal-kumpless.

8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-applikazzjoni għal din il-proposta kienet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar f'Diċembru 2018 (PA 2943/19). F'Ġunju 2019, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għarrfet lill-Applikant li l-iżvilupp kien jeħtieġ Studju tal-Impatt Ambjentali u l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel rappreżentazzjoni dwar it-termini ta' referenza tiegħu fis-Seduta Nru. 5 u wara saret rappreżentazzjoni mal-ERA dwar numru ta' fatturi li għandhom jiġu nklużi mat-termini ta' referenza.

8.4. Is-Sur C. Debono staqsa dwar jekk kienx hemm xi kummenti dwar ir-rapporti in kwistjoni li ġew mgħoddija lilhom qabel is-seduta.

8.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti tad-ditta li għamlet l-istudju sabiex jiġi żgurat li l-punti proposti minnu biex jidħlu fit-termini ta' referenza, fil-fatt ġewx indirizzati fl-SIA.

**9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi (A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/3/6/Vol VIII)**

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li saret laqgħa fl-24 ta' Settembru 2021 dwar il-programm ta' Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi li għaliha attendew is-Sindku D. Vella, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, u l-uffiċjali M. Gambin u P. Caruana. Hija qalet li ssemmew xi persuni dwar il-preżentazzjoni tal-programmi rispettivi. Issemmew ukoll persuni nvoluti fil-qasam tal-*entertainment* għall-parti mużikali ta' Jum il-Kunsill li ser tfakkar il-memorja tal-

kantant Sammy Bartolo fl-erba’ u għoxrin sena mill-mewt tiegħu, li ġrat fis-27 ta’ Novembru 1997. Is-Sinjura Brincat Stellini kompliet tgħarraf lill-Kunsill li ser isiru kuntatti mal-persuni li ssemmew sabiex tiġi stabbilita d-disponibilità tagħhom u l-ħlas mistenni.

9.3. Bħala parti mill-Milied Mellieħi, is-Sinjura A. Brincat Stellini ssuġġeriet li jkun hemm l-involviment tat-tfal tal-Iskola Primarja, kif ukoll l-anzjani residenti f’Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija qalet li f’din l-edizzjoni mhux ser ikun possibbli li ssir attività soċjali minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija u għaldaqstant irrakkomandat li dawn jiġu mogħtija sett ta’ pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill fl-aħħar snin.

9.4. Is-Sindku D. Vella ppropona li għas-serata tal-Kunsill jittellgħa filmat li ma jkunx itwal minn għaxar minuti dwar il-ħidma tal-Kunsill fl-aħħar sentejn. Huwa ppropona wkoll li s-serata tkun taħt il-patroċinju tal-Ministru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. C. Bartolo.

9.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħarġet sejħa ta’ interess (SPI/SCI/6/2021) datata 15 ta’ Settembru 2021, fejn qed toffri finanzjament sa’ 90% tal-ispiża għall-attivita’ sa massimu ta’ €45,000 (eskluż l-VAT). Il-Kunsill Lokali huma obbligati li mas-somma mogħtija jagħmel tajjeb għall-10% l-oħra.

9.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-attivitajiet marbuta ma’ Milied Mellieħi huma eliġibbli taħt l-iskema msemmi u għalhekk għandhom jinġabri l-istimi meħtieġa sabiex tkun tista’ tiġi sottomessa applikazzjoni sad-data tal-għeluq fis-7 ta Ottubru 2021.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2021 (F/1/1/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar / Ġunju 2021 ammonta għal € 676.677, li jikkonsisti f'€ 646,763 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €27,280 kienu miżati marbuta ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €2,571 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

10.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied sewwa b’€ 213,376 meta mqabbel mat-tliet xhur ta’ qabel u kien ta ’€1,691,195. Dawn kienu jikkonsistu f’*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €1,533,716, Stokks ta’ kotba li l-valur tagħhom kien ta’ €28,084 flimkien ma’ flejjes oħra li l-Kunsill kellu jdaħħal li ammontaw għal €129,395.

10.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti netti naqsu meta mqabbla mat-tliet xhur ta’ qabel, minn €599,829, għal € 517,444. Dawn kienu magħmula minn ammonti ffatturati (€156,687), u dovuti (€286,528) fir-rigward tan-nefqa li saret, iżda li ma kinitx iffatturata sa tmiem il-perjodu koperti b’dan ir-rendikont.

10.5. In-nefqa kienet tikkonsisti minn €103,921 fuq pagi tal-impjegati u *allowances* tal-membri tal-Kunsill, €294,688 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €27,082 fuq Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi permenant ġie kkalkulat għal € 185,026.

10.6. Meta titqies in-nefqa totali ta' €610,717, irriżulta bilanċ pożittiv ta' €65,960 mill-bidu tas-sena. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja kiber b'24% fuq it-tliet xhur ta' qabel u laħaq 94%.

10.7. Is-Segretarju Eżekuttiv għalaq billi qal li mill-bidu tas-sena finanzjarja ġew kapitalizzati b’kemm jiswew ta' €37,875 ta’ assi permanenti, filwaqt li ma ġew ikkanċellat xejn mill-assi li kienu reġistrati. L-ispiża oriġinali fix-xiri tal-Assi Fissi kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €9,909,736 li l-valur nett tagħhom fil-kotba, sa’ Ġunju 2021, huwa ta' €1,961,050.

10.8. Il-Kunsill innota l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie approvat ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2020, wara li saret il-verifika, ġie approvat fil-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 29 tat-28 ta' Lulju 2021, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Gvern Lokali Lokali (Finanzi) L.S. 363.01 – Artikli 16, u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; filwaqt li jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzjarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-baġit tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2020 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku skont kif mitlub fl-Artiklu 18 tal-imsemmija regolamenti.".*** **(F/1/2/Vol VIII)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo. Ir-rapport sħiħ jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Annual%20Administrative%20Report%202020.pdf

**12.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:**

***"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2020, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li l-proġetti msemmija hawn taħt kellhom jitwarrbu minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu, kemm mill-Kunsill, kif ukoll minn entitajiet oħra:***

| *Vot* | *Proġett* |
|---|---|
| *7509* | *LC Care Project – Park tal-Familja* |
| *7524* | *Restawr tat-Torri l-Abjad* |

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-ispejjeż li laħqu saru fuq it-tfassil tagħhom m'għandhomx jibqgħu jidhru fuq il-kotba bħala spiża fuq assi li għadhom mhux kapitalizzati.".*** **(F/1/2/Vol VIII)**

12.2. Il-Kunsill innota li din il-materja tqajjmet fis-seduta preċedenti. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

**13.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

***"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2020, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:***

| *Sena* | *Kreditur* | *Servizz* | *Ammont* |
|---|---|---|---|
| *2008* | *Datanet Security Systems* | *Alarm Button fl-uffiċċju tal-Kunsill* | *€110.00c* |
| *2017* | *Chi Consultants Ltd* | *Drain Sewer Pipe Inspection Camera Service fi Triq ĠorġBorg Olivier* | *€413.00* |

***Billi l-udituri kkumentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'isir minnhom;***

***Fid-dawl tal-fatt li l-kredituri msemmija ma baqgħux jinsistu fuq l-ammonti ndikati, filwaqt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba.***

***Billi l-udituri nnutaw ukoll illi fil-kotba tal-Kunsill hemm l-ammont ta' €28,083 li huwa l-valur tal-istokk ta' kotba u CD's miżmum, hemm parti sostanzjali minnu materjal li ilu li ġie ppubblikat saħansitra qabel l-2002; u***

***Billi l-udituri kkummentaw illi l-possibiltà li dawn jinbiegħu hija waħda remota, il-Kunsill għandu jiddeċiedi kif ser jiddisponi minnhom;***

***Fid-dawl ta' dawn il-kummenti, il-Kunsill jirriżolvi li l-pubblikazzjonijiet li l-ismijiet tagħhom jidhru hawn taħt, għandhom jinqatgħu minn fuq il-kotba.***

| ***Isem tal-Pubblikazzjoni*** | ***Livell tal-Istokk*** |
|---|---|
| ***Dati Storiċi*** | ***88*** |
| ***Wartime Mellieħa Vol I u Vol II*** | ***134*** |
| ***Quest for Our Identity*** | ***1185*** |
| ***Iz-Zija tal-Mellieħa*** | ***1747*** |
| ***Ghanja ta' Ħajti*** | ***75*** |
| ***Imħabba fuq il-Għolja*** | ***525*** |
| ***El Mellaha CD*** | ***117*** |
| ***Imħabba fuq il-Għolja CD*** | ***12*** |
| ***Naħal tal-Imħabba CD*** | ***81*** |

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-pubblikazzjonijiet imsemmija jiġu mgħoddija lill-Malta Libraries sabiex jitqassmu fil-fergħat li għandha fuq bażi reġjonali u lokali.

14.3. Il-Kunsill innota li din il-materja tqajjmet fis-seduta ta' qabel b'rabta mal-ittra ta' direzzjoni (management letter) għas-sena finanzjarja 2020. Il-mozzjoni għaddiet wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

## 15.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

15.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Settembru 2021.

15.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

15.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-23 ta' Lulju u t-28 ta' Awwissu 2021.

15.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Awwissu u l-24 ta' Settembru 2021.

15.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**